MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 494/2013

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Jannar 2002 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal (vide kopja ta' certifikat taz-zwieg hawn anness, Dok A);

Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-partijiet kienu wkoll isseparaw il-beni taghhom b'kuntratt redatt minn Nutara Angele Rapa mit-3 ta' Marzu 2008, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twalu illum iffurmaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin;

Illi b'hekk huma sodisfatti ir-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti xtaqu jipprevalixxu ruhhom mid-drittijiet lilhom moghtija sabiex jitolbu il-hall taz-zwieg bejniethom;

Illi l-esponenti AB, xtaqet tirriverti ghal kunjom xbubitha Arfaoui;

Talbu sabiex il-Qorti :

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejniethom;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll bir-reverzjoni tal-esponenti Asma Zahra ghal kunjom xbubitha Arfaoui;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi il-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u isseparaw il-beni taghhom b'kuntratt redatt fit-3 ta' Marzu 2008;

Illi il-partijiet ippruvaw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll bir-reverzjoni tar-rikorrenti AB ghal kunjom xbubita Arfaoui;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------